DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Marzu 2013

fir-rigward ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għas-sena 2013 lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea

(notifikata bid-dokument C(2013) 1628)

(It-testi bid-Daniż, Franċiż, Ġermaniż, Ingliż, Olandiż, Spanjol, Svediż u Taljan biss huma awtentiċi)

(2013/155/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 32(7) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 926/2011 tat-12 ta' Settembru 2011 għall-finijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE fir-rigward tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni għall-għalf u l-ikel u s-settur tas-saħħa tal-annimali [3] jipprovdi li l-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni għandha tingħata jekk il-programmi ta' ħidma approvati jiġu implimentati b'mod effettiv u li l-benefiċjarji jgħaddu t-tagħrif kollu meħtieġ f'limiti ta' żmien partikolari.

(2) Il-Kummissjoni vvalutat u approvat il-programm ta' ħidma aġġornat u l-istimi tal-baġit korrispondenti ppreżentati fl-2012 mil-laboratorji ta' referenza tal-UE għas-sena 2013.

(3) Hekk kif il-programmi ta' ħidma bdew jiġu magħmulin sa mill-1 ta' Jannar 2013, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni preżenti għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2013.

(4) Għaldaqstant, għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha tingħata lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea maħtura biex jikkofinanzjaw l-attivitajiet tagħhom biex iwettqu l-funzjonijiet u d-dmirijiet provduti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha tingħata bir-rata ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli kif definiti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 926/2011.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 135/2013 [4] jistipula r-regoli ta' eliġibbiltà għal-laqgħat ta' ħidma organizzati mil-laboratorji ta' referenza tal-UE. Dan jillimita wkoll l-għajnuna finanzjarja għal massimu ta' 32 parteċipant, 3 kelliema mistiedna u 10 rappreżentanti ta' pajjiżi terzi fil-laqgħat ta' ħidma. Għandhom jingħataw derogi għal dan il-limitu lil xi laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea li jeħtieġu s-sostenn għall-attendenza ta' aktar minn 32 parteċipant biex jinkiseb l-aqwa riżultat tal-laqgħat ta' ħidma. Id-derogi jistgħu jinkisbu fil-każ li laboratorju ta' referenza tal-UE jieħu t-tmexxija u r-responsabbiltà meta tiġi organizzata laqgħa ta' ħidma ma' laboratorju ta' referenza ieħor tal-Unjoni Ewropea.

(6) Għas-sitt laboratorji ta' referenza tal-UE maħtura fi ħdan iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, ir-relazzjoni hi stabbilita f'arranġament amministrattiv annwali li hu sostnut minn programm ta' ħidma u baġit tiegħu peress li ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u d-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konumaturi huma t-tnejn servizzi tal-Kummissjoni.

(7) Skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni [5], il-qerda tal-mard tal-annimali u l-programmi ta' kontroll (il-miżuri veterinarji) għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG). It-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament jipprovdi li f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati, għal miżuri u programmi koperti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [6], in-nefqa marbuta mal-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal imġarrba mill-Istati Membri u l-benefiċjarji ta' għajnuna mill-FAEG għandha tingħarr mill-Fond. Għal skopijiet ta' kontroll finanzjarju, japplikaw l-Artikoli 9, 36 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(8) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

[1] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.
[2] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
[3] ĠU L 241, 17.9.2011, p. 2.
[4] ĠU L 46, 19.2.2013, p. 8.
[5] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
[6] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratoire de sécurité des aliments (LSA), tal-Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail (ANSES), Maisons-Alfort, Franza, għall-attivitajiet segwenti fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013:

(a) għall-analiżi u l-ittestjar tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 358 000;

(b) għall-analiżi u l-ittestjar tal-*Listeria monocytogenes*, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 440 000;

(c) għall-analiżi u l-ittestjar tal-i*Staphylococci* koagulaża pożittivi, inkluż l-i*Staphylococcus aureus*, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 347 000.

Artikolu 2

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lir-Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu (RIVM), Bilthoven, il-Pajjiżi l-Baxxi, għall-analiżi u l-ittestjar taż-żoonożi (salmonella).

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 492 000.

Artikolu 3

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratorio de Biotoxinas Marinas, Agencia Española de Seguridad Alimentaria y Nutrición (Ministerio de Sanidad y Política Social), Vigo, Spanja għall-monitoraġġ ta' bijotossini marini.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 330 000.

Artikolu 4

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lil-laboratorju tas-Centre for Environment, Fisheries and Aquaculture Science (CEFAS), Weymouth, ir-Renju Unit, għall-attivitajiet segwenti fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013:

(a) għall-monitoraġġ tal-kontaminazzjoni virali u batterjoloġika tal-molluski bivalvi, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 345 000;

(b) għall-mard tal-krustaċi, dik l-għajnuna finanzjara ma għandhiex taqbeż l-EUR 145 000.

Artikolu 5

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-Istituto Superiore di Sanità (ISS), Ruma, l-Italja, għall-attivitajiet segwenti fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013:

(a) għall-analiżi u l-ittestjar tal-*Escherichia Coli*, inkluż l-*E. Coli* Verotossiġeniku (VTEC), dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 326 000;

(b) għall-analiżi u l-ittestjar tal-parassiti (b'mod partikolari t-*Trichinella, Echinococcus u l-Anisakis*), dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 374 000;

(c) għar-residwi ta' ċerti sustanzi li jissemmew fil-punt 12(d) tat-Taqsima I tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 316 000.

Artikolu 6

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-iStatens Veterinärmedicinska Anstalt (SVA), Uppsala, l-Isvezja, għall-monitoraġġ tal-*Campylobacter*.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 395 000.

Artikolu 7

L-Unjoni Ewropea tagħti għajnuna finanzjarja lill-Fødevareinstituttet, Danmarks Tekniske Universitet (DTU), Kopenħagen, id-Danimarka, għall-moniteraġġ ta' reżistenzi antimikrobiċi.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 530 000.

Artikolu 8

1. L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-Animal Health and Veterinary Laboratories Agency (ex-VLA), Addlestone, ir-Renju Unit, għall-monitoraġġ ta' enċifalopatiji spongiformi traż-missibbli.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 495 000.

2. Permezz ta' deroga għall-Artikolu 1(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 135/2013, il-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun intitolat li jitlob għajnuna finanzjarja għall-attendenza minn iktar minn 32 parteċipant f'daqqa għas-sessjonijiet ta' ħidma tiegħu.

Artikolu 9

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lis-Centre Wallon de Recherches agronomiques (CRA-W), Gembloux, il-Belġju, għall-analiżi u l-ittestjar tal-proteini tal-annimali fl-għalf

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 530 000.

Artikolu 10

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratoire (ANSES), Fougères, Franza, għar-residwi ta' ċerti sustanzi msemmija fil-punt 12(b) tat-Taqsima I tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 500 000.

Artikolu 11

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-Bundesamt für Verbraucherschutz und Lebensmittelsicherheit (BVL), Berlin, il-Ġermanja, għal residwi ta' ċerti sustanzi li jissemmew fil-punt 12(c) tas-Sezzjoni I tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 500 000.

Artikolu 12

L-Unjoni Ewropea tagħti għajnuna finanzjarja lir-RIKILT – Institute for Food Safety, part of Wageningen University & Research Centre, Wageningen, il-Pajjiżi l-Baxxi għar-residwi ta' ċerti sustanzi msemmija fil-punt 12(a) tat-Taqsima I tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 500 000.

Artikolu 13

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Freiburg, il-Ġermanja għall-attivitajiet segwenti fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013:

(a) għall-analiżi u l-ittestjar tar-residwi tal-pestiċidi fl-ikel li jorigġina mill-annimali u komoditajiet b'kontenut għoli ta' xaħam, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 234 000;

(b) għall-analiżi u l-ittestjar tad-diossini u l-poliklorobifenil fl-għalf u fl-ikel, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 510 000.

Artikolu 14

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-Fødevareinstituttet, Danmarks Tekniske Universitet (DTU), Søborg, id-Danimarka, għall-analiżi u l-ittestjar tar-residwi tal-pestiċidi fiċ-ċereali u fl-għalf.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 200 000.

Artikolu 15

1. L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratorio Agrario de la Generalitat Valenciana (LAGV)/Grupo de Residuos de Plaguicidas de la Universidad de Almería (PRRG), Spanja, għall-analiżi u l-ittestjar ta' residwi tal-pestiċidi fil-frott u l-ħxejjex, inklużi l-komoditajiet bażiċi b'kontenut għoli ta' ilma u aċidu.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 538 000.

2. Permezz ta' deroga għall-Artikolu 1(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 135/2013, il-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun intitolat li jitlob għajnuna finanzjarja għall-attendenza minn iktar minn 32 parteċipant f'daqqa għas-sessjonijiet ta' ħidma tiegħu.

Artikolu 16

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Stuttgart, il-Ġermanja, għall-analiżi u l-ittestjar ta' residwi tal-pestiċidji permezz ta' metodi monoresidwi.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 398 000.

Artikolu 17

L-Unjoni Ewropea tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratorio Central de Sanidad Animal de Algete, Algete (Madrid), Spanja, għall-marda Afrikana taż-żwiemel.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 110 000.

Artikolu 18

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-Animal Health and Veterinary Laboratories Agency (ex-VLA), New Haw, Weybridge, ir-Renju Unit, għall-attivitajiet segwenti fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013:

(a) għall-marda ta Newcastle, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 98 000;

(b) għall-influwenza tat-tjur, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 425 000.

Artikolu 19

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lil-laboratorju tal-Pirbright Institute (former AFRC Institute for Animal Health), Pirbright Laboratory, Pirtbright, ir-Renju Unit għall-attivitajiet segwenti fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013:

(a) għall-marda vesikulari tal-ħnieżer; dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 75 000;

(b) għall-ilsien ikħal, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 240 000;

(c) għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 400 000.

Artikolu 20

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lit-Technical University of Denmark, National Veterinary Institute, Department of Poultry, Fish and Fur Animals, Aarhus, id-Danimarka, għall-mard tal-ħut.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż il-EUR 310 000.

Artikolu 21

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-Institut français de recherche pour l'exploitation de la mer (Ifremer), La Tremblade, Franza, għall-mard tal-molluski bivalvi.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 170 000.

Artikolu 22

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-Institut für Virologie der Tierärztlichen Hochschule Hannover, Hannover, il-Ġermanja, għad-deni klassiku tal-ħnieżer.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 333 000.

Artikolu 23

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja liċ-Centro de Investigación en Sanidad Animal, Valdeolmos, Madrid, Spanja, għad-deni Afrikan tal-ħnieżer.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 236 000.

Artikolu 24

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-INTERBULL Centre, Department of Animal Breeding and Genetics - SLU, Swedish University of Agricultural Sciences, Uppsala, l-Isvezja, għall-kollaborazzjoni biex jiġu uniformizzati l-metodi ta' ttestjar u valutazzjoni tar-riżultati għall-annimali ta-ttgħammir ta' razza pura tal-ispeċi bovina.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 150 000.

Artikolu 25

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-ANSES, Laboratoire de santé animale, Maisons-Alfort, Franza, għall-brucellosis.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 285 000.

Artikolu 26

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-ANSES, Laboratoire de santé animale, Maisons Alfort/Laboratoire de pathologie équine, Dozulé, Franza, għall-mard taż-żwiemel ħlief għall-Marda Afrikana taż-Żwiemel.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 555 000.

Artikolu 27

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-ANSES, Laboratoire de la rage et de la faune sauvage, Nancy, Franża, għall-marda tar-rabja.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 282 000.

Artikolu 28

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lil-Laboratorio de Vigilancia Veterinaria (VISAVET) tal-Facultad de Veterinaria, Universidad Complutense de Madrid, Madrid, Spanja, għat-tuberkuloż i.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 248 000.

Artikolu 29

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja lill-ANSES, Laboratoire de santé animale, Maisons-Alfort, Franza, għas-saħħa tan-naħal.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 384 000.

Artikolu 30

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, Geel, il-Belġju, għall-attivitajiet segwenti fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013:

(a) l-attivitajiet relatati mal-metalli tqal fl-għalf u l-ikel; dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 261 000;

(b) l-attivitajiet relatati mal-Mikotossini; dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 271 000;

(c) l-attivitajiet relatati mal-Idrokarburi Aromatiċi Poliċikliċi (IAP); dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 269 000;

(d) l-attivitajiet relatati mal-addittivi użati fin-nutrizzjoni tal-annimali; dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 71 000.

Artikolu 31

L-Unjoni tagħti għajnuna finanzjarja liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Kummissjoni Ewropea, l-Italja, (ISPRA), għall-attivitajiet segwenti fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' DIċembru 2013:

(a) l-attivitajiet relatati mal-Materjali u l-Artikoli f'kuntatt mal-ikel; dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 341 000;

(b) l-attivitajiet relatati mal-OĠM; dik l-għajnuna finanzjarja ma għandhiex taqbeż l-EUR 472 000.

Artikolu 32

L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni li tissemma fl-Artikoli 1 sa 31 għandha tkun bir-rata ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli kif definiti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 926/2011.

Artikolu 33

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lil-laboratorji elenkati fl-Anness.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

— Laboratoire de sécurité des aliments (LSA), of the Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail (ANSES), 23 avenue du Général de Gaulle, 94700 Maisons-Alfort, Franza,

— Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu (RIVM), Anthony van Leeuwenhoeklaan 9, Postbus 1, 3720 BA Bilthoven, il-Pajjiżi l-Baxxi,

— Laboratorio de Biotoxinas Marinas, Agencia Española de Seguridad Alimentaria y Nutrición (Ministerio de Sanidad y Política Social), Estación Marítima, s/n, 36200 Vigo, Spanja,

— Laboratory of the Centre for Environment, Fisheries and Aquaculture Science (CEFAS), Weymouth laboratory, Barrack Road, The Nothe, Weymouth, Dorset, DT4 8UB, ir-Renju Unit,

— Istituto Superiore di Sanità (ISS), Viale Regina Elena 299, 00161 Ruma, l-Italja,

— Statens Veterinärmedicinska Anstalt (SVA), Ulls väg 2 B, 751 89 Uppsala, l-Isvezja,

— Fødevareinstituttet, Danmarks Tekniske Universitet (DTU), Bülowsvej 27, 1790 Kopenħagen V, id-Danimarka,

— Animal Health and Veterinary Laboratories Agency (AHVLA); Weybridge, New Haw, Addelstone Surrey KT15 3NB, ir-Renju Unit,

— Centre Wallon de Recherches agronomiques (CRA-W), Chaussée de Namur 24, 5030 Gembloux, il-Belġju,

— Laboratoire de Fougères de L'Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail (ANSES), Laboratoire de Fougères, 10B rue Claude Bourgelat, Javené, CS40608, 35306 Fougères, Franza,

— Bundesamt für Verbraucherschutz und Lebensmittelsicherheit (BVL), Mauerstrasse 39-42, 10117 Berlin, il-Ġermanja,

— RIKILT – Institute for Food Safety, part of Wageningen University & Research Centre, Akkermaalsbos 2, Building No 123, 6708 WB Wageningen, il-Pajjiżi l-Baxxi,

— Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA), Postfach 100462, Bissierstrasse 5, 79114 Freiburg, il-Ġermanja,

— Fødevareinstituttet, Danmarks Tekniske Universitet (DTU), Department of Food Chemistry, Moerkhoej Bygade 19, 2860 Soeborg, id-Danimarka,

— Laboratorio Agrario de la Generalitat Valenciana (LAGV)/Grupo de Residuos de Plaguicidas de la Universidad de Almería (PRRG), Ctra. Sacramento s/n, La Cañada de San Urbano, 04120 Almería, Spanja,

— Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA), Schaflandstrasse 3/2, 70736 Stuttgart, il-Ġermanja,

— Laboratorio Central de Sanidad Animal, Ministerio de Agricultura, Pesca y Alimentación, Ctra. De Algete km. 8, Valdeolmos, 28110, Algete (Madrid), Spanja,

— Animal Health and Veterinary Laboratories Agency (AHVLA) Weybridge, New Haw, Addelstone Surrey KT15 3NB, ir-Renju Unit,

— The Pirbright Institute, Pirbright Laboratory, Pirbright, Woking, Surrey GU24 ONF, ir-Renju Unit,

— The Technical University of Denmark, National Veterinary Institute, Department of Poultry, Fish and Fur Animals, Hangøvej 2, 8200-Århus, id-Danimarka,

— IFREMER, Avenue Mus de Loup, Ronce les Bains, 17390 La Tremblade, Franza,

— Institut für Virologie der Tierärztlichen Hochschule, Bischofsholer Damm 15, D-3000 Hannover, il-Ġermanja,

— Centro de Investigación en Sanidad Animal, Ctra. De Algete a El Casar, Valdeolmos 28130, Madrid, Spanja,

— INTERBULL Centre, Department of Animal Breeding and Genetics SLU, Swedish University of Agricultural Sciences - SLU, Undervisningsplan E1-27; S-750 07 Uppsala, l-Isvezja,

— ANSES, Laboratoire de santé animale, 23 avenue du Général de Gaulle, 94706 Maisons-Alfort, Cedex, Franza,

— ANSES, Laboratoire de santé animale/Laboratoire de pathologie équine, 23 avenue du Général de Gaulle, 94706 Maisons-Alfort, Cedex, Franza,

— ANSES, Laboratoire de la rage et de la faune sauvage de Nancy, Domaine de Pixérécourt, 54220 Malzéville, Franza,

— VISAVET - Laboratorio de vigilancia veterinaria, Facultad de Veterinaria, Universidad Complutense de Madrid, Avda. Puerta de Hierro, s/n. Ciudad Universitaria, 28040. Madrid, Spanja,

— ANSES, Laboratoire de Sophia-Antipolis, 105 Route des Chappes, les Templiers, 06902 Sophia-Antipolis, Franza,

— Joint Research Centre, Institute for Reference Materials and Measurements, Retieseweg 111, 2440 Geel, (il-Belġju),

— Joint Research Centre, Institute for Health and Consumer Protection, Via E. Fermi, 1, 21027 Ispra, (l-Italja).